2025/1841

2.10.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 138/2025

tat-13 ta' Ġunju 2025

li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE [2025/1841]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/416 tad-29 ta' Novembru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kontenut u l-format tar-rekords tal-kotba tal-ordnijiet għall-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi li joperaw pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/417 tat-28 ta' Novembru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-mod li bih il-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi li joperaw pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi għandhom jippreżentaw data ta' trasparenza ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 31r (ir-Regolament (UE) Nru 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"31rn. **32025 R 0416**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/416 tad-29 ta' Novembru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kontenut u l-format tar-rekords tal-kotba tal-ordnijiet għall-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi li joperaw pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi (ĠU L, 2025/416, 14.3.2025).

31ro. **32025 R 0417**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/417 tat-28 ta' Novembru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-mod li bih il-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi li joperaw pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi għandhom jippreżentaw data ta' trasparenza (ĠU L, 2025/417, 14.3.2025)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti Delegati (UE) 2025/416 u (UE) 2025/417 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L, 2025/416, 14.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/416/oj.
([2]) ĠU L, 2025/417, 14.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/417/oj.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-14 ta' Ġunju 2025, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 41/2025 tal-20 ta' Frar 2025 ([3]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, fit-13 ta' Ġunju 2025.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.
([3]) ĠU L, 2025/765, 8.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/765/oj.